VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 16 tal-2015

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni tal-2015 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2015 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artikolu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet tal-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mid-9 ta' Diċembru, 2014.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Blokk, magħruf bħala Blokk A, li jikkonsisti f'disa' *flats* li jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 69165 sa 69173 u bl-esklużjoni tas-sottoswol, fi Triq Fuq tal-Ħawli, Birgu. Dan il-blokk imiss mix-Xlokk ma' Wesgħa Mattia Preti, mill-Majjistral ma' Triq Fuq tal-Ħawli u mill-Grigal ma' triq pubblika. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 51054 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK A" fuq il-pjanta P.D. 2014_447. (HAA 16/2014).

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Blokk, magħruf bħala Blokk 1, Entraturi A u B, li jikkonsisti fi tmintax-il *flat* li tmienja minnhom qed jiġu esklużi mit-trasferiment minħabba li diġà kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq tal-Mitħna, Gudja. Dan il-blokk imiss mill-Grigal u mix-Xlokk ma' passaġġi pubbliċi u mil-Lbiċ ma' Triq il-Mitħna. Il-*flats* enumerati 2 sa 4 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 70001 sa 70003, il-*flat* enumerat 7 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 70006, il-*flats* enumerati 9 sa 11 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 70008 sa 70010, il-*flat* enumerat 15 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 70014 u l-*flats* enumerati 17 u 18 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 70016 u 70017 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 243/78G datat 11 ta' Ottubru 1978 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK 1" fuq il-pjanta P.D. 2014_470 (HAA 49/2014, HAA 50/2014).

(3) Blokk, magħruf bħala Blokk B, Bibien 1 u 2 fil-Qasam tad-Djar Għajn Kajjet, ir-Rabat u l-blokk sħiħ imiss mil-Lbiċ u mill-Grigal ma' spazji miftuħin u mix-Xlokk ma' passaġġ pubbliku u jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 80116 u jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK B" fuq il-pjanta P.D. 2014_432 kif ġej:

(a) Bieb 1 jikkonsisti fi tmien *flats* li erbgħa minnhom qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li diġà kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti. Il-*flats* enumerati 5 sa 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 66629 sa 66632; u

(b) Bieb 2 jikkonsisti fi tmien *flats* li wieħed minnhom qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li diġà kien trasferit b'avviż legali preċedenti. Il-*flats* enumerati 9 u 10 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 66633 u 66634 rispettivament u l-*flats* enumerati 12 sa 16 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 66636 sa 66640. (HAA 8/2014, HAA 9/2014).

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) Blokk, magħruf bħala Blokk 10, Bibien A u B, li jikkonsisti f'sittax-il *flat* li sitta minnhom qed jiġu esklużi mit-trasferiment minħabba li diġà kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq it-Tulipani u Triq il-Ġilju, San Ġwann. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral ma' Triq il-Ġilju, mill-Grigal ma' Triq il-Kappella u mix-Xlokk ma' Triq it-Tulipani. Il-*flat* enumerat 1, Bieb A jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 69906, il-*flat* enumerat 3, Bieb A jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 69908, il-*flats* enumerati 5 u 6, Bieb A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 66910 u 66911 rispettivament, il-*flat* enumerat 8, Bieb A jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 69913, il-*flats* enumerati 10 sa 12, Bieb B jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 66915 sa 66917, il-*flats* enumerati 14 u 16, Bieb B jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 69919 u 69921 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 51328 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2013_750. (HAA 89/2013, HAA 90/2013).

(5) Blokk, magħruf bħala Blokk M, li jikkonsisti f'sittax-il *flat* li ħamsa minnhom qed jiġu eskluż mit-trasferiment minħabba li diġà kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq iż-Żnuber, Santa Luċija. Dan il-blokk imiss mill-Grigal ma' Triq iż-Żnuber, mill-Majjistral ma' Triq Ġuljetta Lopez u mil-Lbiċ ma' Triq Helen Buhagiar. Il-*flats* enumerati 1 u 2 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 68385 u 68386 rispettivament, il-*flats* enumerati 4 sa 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 68388 sa 68392, il-*flat* enumerat 10 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 68394 u l-*flats* enumerati 14 sa 16 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 68398 sa 68400. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 86/77 datat 16 ta' Awwissu 1977 fl-atti tan-Nutar A. Attardu b'Kuntratt Nru. 281/77 datat 16 ta' Awwissu 1977 fl-atti tan-Nutar A. E. Borg Barthet u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block M" fuq il-pjanta P.D. 2014_499. (HAA 210/2013).

(6) Blokk, magħruf bħala Blokk 2, Entraturi A u B, li jikkonsisti f'sittax-il *flat* li tlieta minnhom qed jiġu eskluż mit-trasferiment minħabba li diġà kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq Ramija, Siġġiewi. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral, mil-Lbiċ u mix-Xlokk ma' passaġġi pubbliċi. Il-*flat* enumerat 1, Entratura A jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 68709, il-*flats* enumerati 3 sa 8, Entratura A

jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 68711 sa 68716 u l-*flats* enumerati 3 sa 8, Entratura B jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numbri 68719 sa 68724. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 246/76 datat 4 ta' Awwissu 1976 fl-atti tan-Nutar A. Grech u fuq parti minn Tenement Nru. 50687 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK 2" fuq il-pjanta P.D. 2014_444. (HAA 97/2011, HAA 230/2012).

(7) L-ispazju tal-ajru u s-sottoswol ta' garaxx, magħruf bħala Garaxx 2 fil-Qasam tad-Djar tas-Siġġiewi, is-Siġġiewi u jmiss mill-Majjistral u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lbiċ ma' spazju miftuħ. Dan il-garaxx jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 72/98 datat 8 ta' April 1998 fl-atti tan-Nutar V. Miceli, b'Kuntratt Nru. 246 datat 4 ta' Awwissu 1976 u b'Kuntratt Nru. 7/78 datat 11 ta' Jannar 1978 it-tnejn fl-atti tan-Nutar A. Grech u jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 159_82_11_B. (HA 254/98).

(8) Dar, magħrufa bħala 126 fi Triq San Kristofru, Valletta, bl-esklużjoni tas-sottoswol u li tmiss mil-Lbiċ ma' Triq San Kristofru, mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Grigal ma' proprjetà ta' terzi. Din il-proprjetà tinsab reġistrata mal-Gvern bħala Tenement Nru. 77939 u tinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 200 datat 22 ta' Lulju 1992 fl-atti tan-Nutar V. Miceli u tinsab fuq il-pjanti HA 251/2014 u HA 252/2014. (RO 30/2005, RGP 17/2009).

(9) L-amministrazzjoni ta' ħames *flats* f'Nru. 25, Triq il-Punent, Valletta jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 77081 sa 77085 u l-blokk imiss mil-Lbiċ ma' proprjetà li tinsab fil-proċess li tiġi akkwistata mill-Gvern, mill-Majjistral ma' proprjetà ta' terzi u mix-Xlokk ma' Triq il-Punent. Il-blokk sħiħ jinsab fuq art li qiegħda fil-proċess li tiġi akkwistata mill-Gvern u jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2013_711. (HAA 225/2011).